# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 28 ta' Novembru 2024**

**Numru 3**

**Rikors Numru 549/22TA**

**Francesco Apap Bologna K.I. 12464M**
**Ann Apap Bologna K.I. 85840M**
**vs**
**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Francesco Apap Bologna u Ann Apap Bologna (ir-rikorrenti) tal-14 ta' Ottubru 2022 li permezz tiegħu ppremttew u talbu s-segwenti:

1. Illi r-rikorrent Francesco Apap Bologna huwa s-sid tal-fond bl-indirizz Dar il-Bniet, Triq il-Għajn, Dingli filwaqt li r-rikorrenti Ann Apap Bologna hi l-użufruttwarja tal-istess proprjeta`.

2. Illi dan il-fond kien jappartjeni lil Barunessa Frances Chesney Sceberras D` Amico Inguanez, u huwa parti mill-artijiet ta` Djar il-Bniet.

3. Illi Frances Chesney Sceberras D` Amico Inguanez mietet fit-12 ta` Jannar 1981 (ċertifikat tal-mewt anness **Dok F1**) u ħalliet bħala eredi lin-Nobbli Carmel Apap Bologna Sceberras D` Amico Inguanez skont l-aħħar testament tagħha datat 5 ta` Mejju 1979 fl-atti tan-Nutar Alexander Sceberras Trigona (riċerki sigrieti u pubbliċi annessi **Dok F2 U F3**, u testament **Dok F4**).

4. Illi għalhekk dan il-fond (fost proprjetajiet oħra) interit min-Nobbli Carmel Apap Bologna Sceberras D` Amico Inguanez, u ġie denunzjat (estratt mid-denunzja anness u market **Dok F5**, fejn il-fond mertu tal-kawża huwa imsemmi bħala parti mill-artijiet ta` Dar il-Bniet.

5. Illi n-Nobbli Carmel Apap Bologna Sceberras D` Amico Inguanez miet fis-7 ta` Settembru 2021 (kopja taċ-ċertifikat tal-mewt anness **Dok F6**).

6. Illi skont kif jirriżulta mir-riċerki testamentarji pubbliċi u sigrieti tad-defunt Carmel Apap Bologna Sceberras D` Amico Inguanez (kopja annessa **Dok F7A** u **Dok F7B** rispettivament, huwa rregola l-wirt tiegħu permezz ta` testament fl-atti tan-Nuttar Dottor Pierre Attard data 7 ta` Frar 2018 (kopja annessa **Dok F8**).

7. Illi ai termini tat-testament Dok F8, Carmel Apap Bologna Sceberras D` Amico Inguanez iddispona mill-wirt tiegħu billi *inter alia* ħalla b` titolu ta` legat a favur ir-rikorrent Francesco Apap Bologna l-proprjeta ` surreferita (bid-drittijiet u pretensjonijiet kollha relattivi) u dan kif jirriżulta aħjar taħt Artikolu 8 tal-istess testament. Din il-proprjeta` hi soġġetta għall-użufrutt tar-rikorrenti Ann Apap Bologna u dan skont Artikolu 5 tat-testment, liema Ann Apap Bologna hija wkoll l-eredi universali tiegħu skont Artikolu 16 tal-istess testament.

8. Illi dan il-fond kien mirkri favur Dr Irene Zahra versu kera ta` LM 16 ekwivalenti għal EUR 37.27 fis-sena u/jew somma verjuri, liema kirja kienet ilha fis-seħħ tal-inqas mis-snin 1970s u għalhekk ġiet fis-seħħ ferm qabel l-1 ta` Ġunju 1995. Estratt tal-ledger tal-kirjiet tar-rikorrenti, huwa hawn anness bħala **Dok F9**.

9. Illi għalhekk dan il-fond kien soġġett għall-kirja protetta regolata mid-disposizzjonijiet tal-Kap 69 u tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta` Malta.

10. Illi in vista tal-fatt li l-kirja tal-fond in kwistjoni kienet soġġetta għall-provvedimenti tal-Kap.69 tal-Liġijiet ta` Malta, ir-rikorrenti ġew għal kollox imġegħla jibqgħu jirċievu ammont ta` kera ferm baxx mingħajr ebda possibbilta` li jiżdiedu l-ammont tal-istess hekk kif il-kontroll ta` din il-kirja kien kompletament f` idejn l-istat.

11. Illi għalhekk ir-rikorrenti (u l-predeċessur fit titolu tagħhom) ġew imġegħla jibqgħu jġeddu l-kera versu l-istess rata skont il-provvedimenti tal-liġi għal għexieren ta` snin u dan mingħajr ebda prospett li xi darba tiġi terminata.

12. Illi kien biss fis-sena 2009, snin wara li nħolqot il-kera li l-Gvern irrikonoxxa l-preġudizzju sejru li kienu qegħdin ibatu s-sidien privata bħar-rikorrenti u għalhekk fid-dawl ta` dan ir-rikonoxximent ġie fis-seħħ l-Att X tal-2009, permezz ta` liema ġew introdotti provvedimenti sabiex il-kera tiżdied, liema kera filfatt żdiedet għal EUR 185 fis-sena.

13. Illi minkejja dawn l-emendi, ir-rikorrenti baqgħu jbatu l-preġudizzju serju sa reċentement hekk kif ma nżammx bilanċ ġust u proporzjonat bejn l-allegat għan pubbliku intiż u d-drittijiet fundamentali tas-sidien għat-tgawdija tal-possedimenti tagħhom, liema drittijiet ma ġewx imħarsa u prottetta skont kif trid il-liġi hekk kif il-kera żdiedet b` mod miżeru u dan bi ħsara għar-rikorrenti.

14. Illi oltre` min hekk ir-rikorrenti ma kellhomx għad-disposizzjonijiet tagħhom rimedju effettiv stante li qatt ma setgħu jżiedu l-kera b` mod ekwu u ġust skont il-valur tas-suq hekk kif l-ammont ta` kera li huma setgħu effettivament jirċievu huwa dak kif kostrett bl-Artikolu 1531C tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta` Malta. Aktar minn hekk il-leġislatur naqas għal kollox milli jintroduċi xi tip ta` rimedju effettiv sabiex jindirizza bis-sħiħ il-preġudizzju li r-rikorrenti u predeċessur tagħhom soffrew fis-snin passata a` kera u miżera u interferenza fid-drittijiet għat-tgawdija libera ta` ħwejjiġhom fejn għalhekk ir-rikorrenti ma kellhomx għażla għajr li jirrikorru għal dawn il-proċeduri.

15. Illi r-rikorrenti jagħmlu referenza għall-kawża **Amato Gauci vs Malta** numru 47045/06 deċiża mill-Qorti Ewropea tad-drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fil-15 ta` Settembru 2009 u għal sensiela ta` kważi oħra rilevanti inkluż il-kawża **Zammit and Attard Cassar vs Malta** (30 ta` Lulju 2015) li titratta fatti specie simili għal dawk odjerni u fejn il-Qorti ta` Strasburg sabet vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tas-sid minkejja l-introdduzzjoni tal-Att X tal-2009.

16. Illi jirriżulta b`mod ċar u manifest li d-disposizzjonijiet dwar it-tiġdid awtomatiku tal-kera u dwar il-kontroll tal-ammont tal-kera jikkostitwixxu interferenza fl-użu tal-propjeta` tar-rikorrenti, u naqsu milli jżommu bilanċ ġust bejn l-allegat għan pubbliku ntiż u drittijiet tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-propjeta` tagħhom. IL-fatt li bilanċ ċertament ma kienx hemm f` dan il-każ jirriżulta mid-diskrepanza konsidervoli li kien hemm bejn il-kera li kienet titħallas lir-rikorrenti u dik li s-sidien setgħu jiksbu tul is-snin li kieku huma krew il-fond fis-suq miftuħ li mhux regolat mill-protezzjoni li l-Kap.69 jagħti lill-inkwilini.

17. Illi r-rikorrenti jinnotaw, kif ġie wkoll innotat f` diversi sentenzi fosthom f` dik fl-ismijiet **Louis Apap Bologna vs L-Avukat Ġenerali** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-29 ta` Marzu 2019, li l-qagħda ekonimika tal-pajjiż m` għadhiex bħal ma kienet meta daħal fis-seħħ l-Kap 69 u ċertament marret għall-aħjar. Illi għalhekk l-għan pubbliku li kien hemm oriġinarjament, xi ftit jew wisq sparixxa maż-żmien u dan kif anke ġie deċiż reċentement minn din l-Onoroabbli Qorti kif diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet "**B. Tagliaferro & Sons Limited vs L-Avukat tal-Istat et**" (rikors nru 23/ 2020 JVC).

18. Illi fir-rigward tal-kontroll fil-quantum ta` kera, il-provvedimenti tal-Artikolu 1531C ftit li xejn għamlu sabiex jindirizzaw il-piż sproporzjonat li kienu qegħdin ibatu r-rikorrenti (u l-predeċessur fit-titolu tagħhom qabilhom) hekk kif il-kera baxxa kienet u baxxa baqgħet u dan anke in vista tal-fatt li ż-żidiet fil-kirja kienu qegħdin jiġu maħduma fuq il-kera preċedenti u ċioe` fuq ammont baxx ferm.

19. Illi fil-każ Zammit and Attard Cassar v Malta hawn fuq ċitat, l- EctHr irrimarkat:-

*"While the applicants do not have an absolute right to obtain rent at market value, the court observes that, despite the 2009 amendments, the amount of rent is significantly lower than the market value of the premises as submitted by the applicants, which was not effectively contested by the Government"* Għalhekk huwa ċar li l-emendi introdotti permezz tal-Att X tal-2009 m` għamlu xejn fir-rigward biex jgħin is-sid privat u jibillanċja l-piż impost mill-provvedimenti tal-Kap 69 hekk kif iż-żieda miżerja ma għamlitx wisq sabiex il-kirja ma tibqax staġnata.

Illi agħar minn hekk, ir-rikorrenti ma jistgħux ma jinnutawx li minkejja l-allegat għan pubbliku tal-provvedimenti tal-liġi li jipprotegu din il-kirja u jitfgħu piż sproporzjonat u qawwi fuq ir-rikorrenti, il-Gvern tul dawn is-snin kollha ma kkontribwixxa bl-ebda mod sabiex itaffi jew iġorr dan it-toqol għall-allegat għan pubbliku.

20. Illi għalhekk jirriżulta b` mod ċar li r-rikorrenti soffrew vjolazzjoni tal-Artikolu ` tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea kif ratifikata u tagħmel parti integrali mil-Liġijiet ta` Malta f` Kap 319 hekk kif huma ġew sforzata jibqgħu jikru l-fond tagħhom l-okkupanta Zahra versu kera baxxa ferm liema kera kienet kompletament ikkontrollata mill-Istat u liema kontroll baqa` persistent sa żminijiet riċenti.

21. Illi r-rikorrenti jagħmlu referenza wkoll għal kawżi riċenti deċiżi minn din l-Onorabbli Qorti inkluż dawk fl-ismijiet ismijiet " **Austin Psaila et vs L- Avukat tal-Istat et`** deċiża fit-3 ta Ġunju 2021 (87/2020 GM), ` **Maria Concetta sive Connie Deguara Caruana Gatto vs L-Avukat tal- istat et`** deċiża fid-29 ta` April 2021 (51/2020 GM) u **Carmel sive Charles Sammut et vs l-Avukat Ġenerali** et` deċiża fid-29 ta` April 2021 (143/2019 FDP) fejn il-Qorti sabet li l-operazzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola l- Tiġdid tal-kiri tal-Bini ossija l-Kap . 69 tal-Liġijiet ta` Malta u l-Att X tal-2009 jagħtu dritt ta ` rilokazzjoni indefinit lill-inkwilini u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tas-sid privat kif sanċiti fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap.319 tal-Liġijiet ta` Malta).

22. Illi in vista tas-suespost, ir-rikorrenti għalhekk qegħdin jitolbu daw kir-rimedji kollha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi, inkluż iżda mhux limitatament:

a. Dikjarazzjoni li l-provvedimenti tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini ossija l-Kap.69 tal-Liġijiet ta` Malta u l-provvedimenti tal-Kap 16 inter alia l-Artikolu 1531 C kisru d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti għat-tgwadija tal-proprjeta tagħhom surreferita.

b. Kumpens xieraq pekunjarju u mhux pekunjarju għas-snin kollha li r-rikorrenti batew interferenza fid-drittijiet tagħhom inkluż telf ta` keera li soffrew ir-rikorrenti.

23. Illi r-rikorrenti jirrilevaw li dan il-preġudizzju u ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom baqa` jippersisti sa reċentement u ċioe ` sad-19 ta` Mejju 2018 hekk kif il-kirja ġiet terminate mal-mewt tal-inkwilina Dr Irene Zahra (kopja taċ-ċertifkat tal-mewt anness **Dok F10**). Stante li l-inkwilina Zahra kienet l-unika inkwilina rikonoxxuta mir-rikorrenti u ma kienx hemm persuni oħra li jissoddisfaw il-kriterji tal-liġi rigward inkwilini protetti, din il-kirja ntemmet u filfatt il-pussess tal-fond reġa ġie f` idejn ir-rikrorenti.

24. Illi kien permezz tal-Att XXIV tal-2021(ċioe wara li din il-kirja kienet ġia ġiet terminate) li l-leġislatur introduċa xi rimedji oħra għas-sid, fosthom il- possibilta li kera tiżdied skont l-Art 4A tal-Kap 69. Madanakollu, l-Att XXIV tal-2021 baqa` ma ntroduċiex ebda rimedju għas-snin passati ta` interferenza u kirjiet baxxi li batew is-sidien.

25. Illi għalhekk ir-rikorrenti ma kellhomx għażla oħra għajr li jintavolaw dawn il-proċeduri

Għaldaqstant, jgħid l-Avukat intimat prevja kwalisiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna l-għaliex din l-Onorabbli Qorti m` għandhiex:

1. Tiddikjara li l-provvedimenti tul is-snin tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini ossija l-Kap 69 inter alia l-artikoli 3,4 u 9 tal-Liġijiet ta` Malta u l-provvedimenti tal-Kap16 inter alia l-Artikolu 1531C ivvjolaw id-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-propjeta` tagħhom bl-indirizz Dar il-Bniet , Triq il-Għajn, Dingli kif sanċiti mill-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea (li tifforma parti integrali tal-Liġijiet domestiċi fil-Kap.319) u dan prevja u jekk hemm bżonn billi tappunta periti nominandi.
2. Tiffissa u tillikwida kumpens xieraq (sia pekunjajrju u mhux pekunjarju) għas-snin kollha li r-rikorrenti batew vjolazzjoni tad-drittijiet tagħhom u dan prevja u jekk hemm bżonn billi tappunta perit nominandi.

3. Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-istess kumpens u danni hekk likwidati, bl-imgħaxijiet legali.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni u bl-imgħaxijiet legali.

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat (l-intimat Avukat) tal-25 ta' Ottubru 2022 li biha wieġeb is-segwenti:

1. Illi permezz tar-rikors promotur, ir-rikorrenti qegħdin jallegaw li bl-operazzjoni tal-Kap. 69 u l-Kap 16 tal-Liġijiet ta` Malta fir-rigward tal-fond bl-indirizz Dar il-Bniet, Triq il Għajn Dingli huma ġarrbru ksur tal-jedd fundamentali tagħhom kif sanċit mill-Ewwel Protokoll.

2. Illi preliminarjament, ir-rikorrenti jridu jġibu prova sodisfaċenti tat-titolu tagħhom għall-fond in kwistjoni.

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti jridu jġibu prova li l-kirja li kienet viġenti kienet waħda mħarsa mill-Kap. 69 tal-Liġijiet ta` Malta.

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fil-mertu, ma kien hemm ebda ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel protokoll stante li fil-każ odjern sar biss kontroll fl-użu tal-proprjeta in kwistjoni fil-parametri ta` dak permessibbli taħt dan id-dritt fundamentali.

5. Illi fi kwalunkwe każ, l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

6. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk din l-Onorabbli Qorti tqis li seħħ ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, dan il-ksur intemm fil-mument li l-inkwilina ġiet nieqsa. Kuntrarjament għal dak dikjarat fil-premessa numru tlieta u għoxrin (23) tar-rikors pomotur, Irene Melitta Zahra mietet nhar id-19 ta` Mejju, 2018 u mhux fid-19 ta` Mejju 2019(are estratt mill-Common Database, hawn anness u mmarkat bħala Dok A). Ulterjorment, in kwantu għal minn meta bdiet din il-leżjoni, ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap.319, ebda leżjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll ma tista` tissustixxi qabel it-30 ta' April, 1987.

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż

Rat l-atti u dokumenti kollha f'din il-proċedura.

Rat ix-xhieda mressqa fil-perkors ta' dan ir-rikors.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet.

Rat li r-rikors tħalla' għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

Ir-rikorrent huwa l-propjetarju tal-fond bl-indirizz Dar il-Bniet, Triq il-Għajn, Dingli. Dan il-fond ipprevjena mill-wirt ta' missieru Carmel Apap Bologna b'titolu ta' legat (a' fol 27). Mentri r-rikorrenti ommu tħalliet eredi universali u kif ukoll ħallilha "*the usufruct, to be enjoyed by her, for throughout her lifetime, <u>of the remainder of his estate</u> wherever situate <u>at the time of his death</u>*" (Emfażi tal-Qorti).

Il-fond in kwistjoni kien mikri lill-familja Zahra li l-aħħar waħda minnha, Dr. Irene Zahra li kienet fid-19 ta' Mejju 2019.

L-awtur tar-rikorrenti jiġifieri Carmelo Apap Bologna Sciberras D'Amico Inguanez miet fis-7 ta' Settembru 2021.

Ir-rikorrenti qegħdin jilmentaw li kemm dan il-post dam mikri lill-awtur tagħhom huma kellhom id-drittijiet tagħhom għat-tgawdija u godiment miksura għalhekk qegħdin jitolbu kumpens

**Punti ta' Liġi.**

L-ilment tar-rikorrenti huwa fis-sens li l-operazzjonijiet tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta bil-protezzjoni li jagħtu lill-kerrej qegħdin jilledulhom id-drittijiet fundamentali tagħhom kif imħarsa mill-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

Ir-raġunijiet indikati fil-premessi tar-rikors promotur huma l-istess raġunijiet li fuqhom il-Qorti Ewropeja konsistentement sabet ksur tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni fid-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69, dan għaliex dawn ġew ikkunsidrati li jikkostitwixxu interferenza mad-drittijiet tal-proprjetá

tas-sid li hija inkompatibbli mat-tielet prinċipju ta' bilanċ ġust stabbilit fl-imsemmi artikolu protokollari. Din l-interferenza ikkawżata b'dawn id-dispożizzjonijiet ma żżommx "bilanċ xieraq" bejn l-esiġenzi ta' l-interess ġenerali tal-komunitá u l-ħtieġa tal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali tal-individwu.

Il-Qrati tagħna baqgħu jsegwu din il-pożizzjoni kif adottata mill-Qorti ta' Strasburgu (ara espożizzjoni dettaljata tal-prinċipji ġurisprudenzjali stabbiliti mill-Qorti Ewropea kif riflessa fil-ġurisprudenza kostanti tal-**Qrati Maltin fis-sentenza Margaret Caruana et -vs- L-Avukat Ġenerali et, Qorti Ċivili, Sede Kostituzzjonali, tat-18 ta' Marzu 2021; ara wkoll fost oħrajn Rita Falzon -vs- Dun Saverin sive Xavier Cutajar et, Qorti Ċivili, Sede Kostituzzjonali, [per Imħallef Francesco Depasquale], tal-20 ta' Ottubru 2021**).

L-emendi kif introdotti bl-imsemmi Att XXIV tal-2021 ma bidlu xejn min-natura tal-kera in kwistjoni. Dan għaliex fin-nuqqas ta' regolamenti li jirregolaw kera bħal din "sabiex jinsab bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sid, tal-inkwilin u l-interess pubbliku", il-liġi applikabbli għaliha hija dik kif kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju 1995 (ara **artikolu 1531M tal-Kap. 16**). U jekk huwa l-każ li jingħata kumpens dan ser ikun sal-1 ta' Ġunju 2021 peress li llum artikolu 4A tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti d-dritt li sid jista' jitlob awment raġjonevoli fil-ħlas ta' kera.

**Konsiderazzjonijiet**

Qabel ma din il-Qorti tidħol fil-mertu tal-allegat ksur trid l-ewwel tikkonsidra jekk il-kwalita' tar-rikorrenti, wieħed bħala legatarju u l-ieħor bħala usufruttwarju u eredi ta' mejjet, jintitolahomx ġuridikament jitlolbu kumpens kif spjegat fir-rikors.

L-ewwel ma ser tkun ikkunsidrata hija l-kwalita tar-rikorrent. Huwa paċifiku li r-rikorrent qiegħed jagħmel din il-proċedura bħala legatarju ta' missieru. Fi ftit kliem it-titolu tiegħu mhux wieħed universali iżda wieħed partikolari. Issa din il-Qorti dejjem irribadiet il-prinċipju li l-legatarju ma jidħolx fiż-żarbun tal-mejjet u lanqas ma jiret mingħandu xi drittijiet jew obbligu. Il-personalita' ġuridika tal-mejjet titkompla fl-eredi u mhux fil-legatarju. Għalhekk dan ifisser li l-legatarju mhux is-suċċessur fit-titolu għal kwalunkwe krediti, ikunu ta' liema natura jkunu, tal-mejjet. Dan jispetta biss lill-eredi li jiret universalment u mhux partikularment. M'għandu jkun hemm ebda dubju li legat jitrasmetti l-proprjeta' permezz ta' titolu partikulari u mhux universali. Il-Qorti għalhekk tirrileva, li ai fini ta' interess ġuridiku, huwa rilevanti, jekk min ikun qiegħed jagħmel proċeduri bħal dawn, hux is-sid jew suċċessuri tiegħu. Ir-rilevanza takkwista importanza ġuridika partikulari fil-każ ta' suċċessuri, jekk il-propjeta' tkunx ġiet għandhom permezz ta' titolu universali jew wieħed partikolari. Fil-każ odjern huwa ċar, li t-titolu huwa wieħed partikolari.

Fuq dan il-punt partikolari ma tantx hemm materjal fuq xiex wieħed jimxi imma huwa interessanti dak li josservaw **P. Van Dijk u G.D.H. Van Hoof** fl-opus tant ċitata tagħhom **"Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" paġna 48 tat-tieni edizzjoni** ta' dan il-ktieb:

"The Kofler Case the Commission stated clearly: 'the heirs of a deceased applicant cannot claim a general right that the examination of the application introduced by the decujus be continued by the commission'". Di fatti f'dan il-każ il-Kummissjoni sabet li d-dritt ma hux "transferable". Fil-każ ta' **Deweer -vs-**

**Belgium tas-27 ta' Frar 1980, il-Qorti Ewropeja** osservat li "*The Court, for its part, wishes to mark its full approval of the practice which the Commission has been following in cases of this nature and which it has implicitly confirmed in the present instance: when an applicant dies during the course of proceedings, his heirs [emfażi tal-Qorti] may in principle claim in their turn to be "victims" (Article 25 par. 1 of the Convention) (art. 25-1) of the alleged violation, as rightful successors and, in certain circumstances, on their own behalf (see application 24. 5. 1971, X v. Federal Republic of Germany, Collection of Decisions, vol. 38, p. 39; application no. 6166/73; 30. 5. 1975, Baader, Meins, Meinhof and Grundmann vs Federal Republic of Germany, Decisions and Reports, vol. 2, p. 66; applications nos. 7572/76, 7586/76 and 7587/76, 8. 7. 1978, Ensslin, Baader and Raspe, ibid., vol. 14, pp. 67 and 83).*"

Minn dawn is-siltiet huwa ċarissimu, li d-dritt li l-azzjoni kostituzzjonali tinbeda jew titkompla mill-eredi jeżisti, għalkemm anke f'dan il-każ, kif jindikaw l-awturi fuq imsemmija lanqas din ma hija regola assoluta. Dan iwassal għall-konklużjoni, li l-akkwist ta' dritt minn suċċessuri b'titolu partikolari mingħand il-mejjet, u dan jinkludi titolu causa mortis bħal ma huwa legat, ma jagħtix dritt għall-azzjoni sa fejn jirrigwarda dak li seta' jitlob il-mejjet f'ħajtu. Il-werriet huwa r-repositarju tal-personalita' ġuridika tal-mejjet u mhux il-legatarju jew min jirċievi b'donazzjoni. Dan huwa wkoll konformi ma' dak li rriteniet il-**Qorti Kostituzzjonali fil-kawża Marianne Zammit vs Joseph Cutajar et deċiża fl-1 ta' Diċembru 2021**.

Il-Qorti tfakkar fir-regola ċivilistika, li filwaqt li l-eredi jrid iwieġeb għall-passiv li jħalli warajh il-mejjet mhux hekk fil-każ tal-legatarju jew tal-persuna li tirċievi b'donazzjoni (ara **artikoli 939, 940 u 944 tal-Kodiċi Rik. Nru. 254/22TA 27 Ċivili**). Di fatti fis-Sentenza Kostituzzjonali imsmmija ingħad li *"... jirriżulta illi l-attriċi kienet akkwistat il-fond mertu ta' dawn il-proċeduri permezz ta' legat imħolli lilha f'dan it-tesment. Mill-istess testment jirriżulta illi l-attriċi ma kinitx l-eredi universali tal-imsemmija Maria Carmelo Bonello, li nnominat lid-Dar tal-Provvidenza u lill-Caritas Malta bħala l-werrieta universali tagħha. Għalhekk l-argument tal-attriċi illi hija għandha titqies li daħlet fiż-żarbun tal-attriċi huwa żbaljat stante illi hija mhijiex l-eredi ta' Maria Carmela Bonello. Għaldaqstant il-Qorti tqis illi sa fejn l-azzjoni hija mibnija fuq l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-ewwel Artikolu protokollari tal-Konvenzjoni, l-Qorti sejra tieħu l-istess pożizzjoni addottata minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza ta' Vincenza sive Sina Magro vs l-Avukat tal-Istat et. Dan peress li hija l-iktar konformi ma l-ispirtu ta' dak li jridu l-imsemmi artikoli Kostituzzjonali u Protokollari".*

Għalhekk sa fejn jirrigwarda lir-rikorrent Francesco Apap Bologna t-talbiet tiegħu mhux ser ikunu milqugħa.

Issa jmiss li jitqiesu t-talbiet fil-konfront ta' l-armla tal-mejjet, ir-rikorrenti Anna Apap Bologna. Huwa paċifiku li hija użufruttwarja skond it-tesment ta' Carmelo Apap Bologna Sciberras D'Amico Inguanez. Iżda importanti li jingħad li d-disposizzjoni testamentarja in kwistjoni tiddisponi hekk:

*"the usufruct, to be enjoyed by her, for throughout her lifetime, <u>of the remainder of his estate</u> wherever situate <u>at he time of his death</u>"* (Emfażi tal-Qorti).

Minn hawn joħroġ ċar li l-użufrutt ġie kostitwit fuq il-bqija tal-proprjeta' tal-mejjet li tkun għadha tiegħu fil-jum tal-mewt. Issa dak li ddispona minnu f'ħajtu u anke b'disposizzjonijiet testamentarji żgur ma kienx jagħmel parti minn dak li ssejjaħ "*the remainder of his estate wherever situate at the time of his death*". Mad-deċess ta' Carmel Apap Bologna l-propjeta' in kwistjoni saret tar-rikorrent anke jekk kienet għadha ma saritx l-immissjoni fil-pusses tal-legat. Għalhekk ma jistax ikun li r-rikorrenti fil-mument tal-mewt kellha xi dritt ta' użufrutt fuq dan il-fond.

Sakemm din il-proprjeta' iddevolviet fuq ir-rikorrent kienu għaddew ben erbgħa snin minn meta l-proprjeta' reġgħet ġiet fil-pussess tal-awtur tagħhom meta kien għadu ħaj, għaliex huwa miet wara l-inkwilin u meta skond affidavit tar-rikorrenti diġa' kienu fil-pussess tal-fond (a' fol 56). Għalhekk ma jista' qatt ikun li wara l-mewt ta' żewġha u anke qabel, ir-rikorrenti kienet tgawdi xi xorta ta' użufrutt fuq dan il-fond. Dan ifisser li sa fejn jirrigwardja l-kwalita' tagħha bħala użufruttwarja, għalhekk biss, hija ma hiex intitolata għal xi xorta ta' kumpens.

Imma r-rikorrenti hija wkoll eredi universali ta' żewġha. Bħal tali wieħed irid jara jekk hi allura għandhiex id-dritt li tirriklama xi xorta ta' kumpens għaż-żmien li dan il-fond kien mikri. Il-Qorti m'għandha ebda prova li kienet teżisti s-separazzjoni tal-beni bejn il-konjuġi Apap Bologna għalhekk hija preżunjoni tal-liġi li kienet teżisti l-komunjoni tal-akkwisti. Iżda min-naħa l-oħra huwa ċar li l-fond in kwistjoni kien jifforma parti mill-beni parafernali tal-mejjet u għalhekk ir-rikorrenti ma kellhiex in-nofs indiviż fil-proprjeta'. B'dana kollu hawn si tratta ta' frott ċivili li kienet tagħti din il-proprjeta u li f'dan il-każ kien l-inkass tal-kera. Issa

artikolu 1320 (b) tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li jidħlu fil-komunjoni tal-akkwisti l-frottijiet tal-beni tal-partijiet miżżewġa, magħduda l-frottijiet tal-beni tad-dota jew suġġetti għal fedekommess, sew jekk il-beni kienu għand kwalunkwe wieħed mill-konjuġi minn qabel iż-żwieġ, sew jekk ikunu missew lill-parti minnhom wara b'wirt, b'donazzjoni, jew b'titolu ieħor, basta ma jkunux ingħataw jew tħallew bil-kondizzjoni li l-frottijiet tagħhom m'għandhomx jidħlu fl-akkwisti.

Għalhekk sa fejn jirrigwardja l-fatt li l-liġi li minnha qegħdin jilmentaw ir-rikorrenti ma kinitx toffri li l-kera tkun ġustament aġġustata favur is-sid u dan għar-raġunijiet spjegati minnhom fir-rikors promotur tagħhom, dan l-ilment huwa fondat. Għalhekk l-interess tar-rikorrenti qua eredi universali li lilha ġew trasmessi l-krediti tal-mejjet, huwa dak l-istess interess li kellha hi u ċioe' għan-nofs tas-somma li talvolta setgħet kienet intitolata għaliha qua parteċipanti fil-komunjoni tal-akkwisti bejnha u bejn żewġha l-mejjet.

Għalhekk, wara li din il-Qorti qieset iċ-ċirkoatanzi tal-każ, il-prinċipji stabbiliti fil-**Kawża Cauchi kontra Malta,** ir-rapport tal-Perit minnha inkarigat hija tal-fehma li l-kumpens pekunjarju lir-rikorrenti biss, għandu jkun ta' mija u erbgħin elf ewro (€140,000). Kwantu l-kumpens non pekunjarju, il-Qorti tħoss li ammont ta' għaxart elef ewro (€10,000) huwa ġustifikat.

**Deċide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi dan ir-rikors bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba rikorrenti** limitatament fil-konfront tar-rikorrenti Anna Apap Bologna u tiċħadha fil-konfront tar-rikorrent Francesco Apap Bologna.

**Tilqa' it-tieni u t-tielet talbiet rikorrenti** fil-konfront tar-rikorrenti Anna Apap Bologna biss u dan billi tillikwida l-kumpens totali fl-ammont totali ta' mija u ħamsin elf ewro (€150,000) u tikkundanna lill-Avukat tal-Istat iħallas din is-somma lir-rikorrenti biss bl-imgħaxijiet legali minn din is-Sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjes għall-intimat Avukat salv dawk ta' Francesco Apap Bologna li għandhom ikunu sopportati minnu.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**